MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 110/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mario Damato**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Damato talli fil-11 ta' Jannar 2004 ghall-habta tal-11.00pm f'Ross Street St. Julian's kif ukoll fil-hinijiet ta'qabel u ta' wara fi bnadijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, bhala l-persuna li f'ismu hija rregistrata l-vettura nru. HAW-403:

(1) Ippermetta lil persuna ohra ssuq l-imsemmija vettura nru. HAW-403 minghajr ma' kien kopert b'polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

(2) Gieghel jew ippermetta jew halla li l-imsemmija vettura tinsaq u kienet qed tarmi duhhan u/jew naqal mit-tubu tal-ispurgar;

(3) Ghamel alterazzjoni (hgieg skurat) fl-imsemmija vettura minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta;

(4) Naqas li jara li l-pjanca tan-numri tar-registrazzjoni ta’ wara tinzamm b'mod li tkun tista’ malajr tingharaf u tinqara;

(5) U aktar meta kien fid-dmir meta gie mistoqsi minn membru tal-korp tal-pulizija naqas li jaghti nformazjoni li biha l-pulizija setghet tasal biex issib il-persuna li kienet qieghda ssuq l-imsemmija vettura meta hemm rapport li sar xi delitt jew kontravenzjoni;

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat minn kull licenzja tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Mejju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Mario Damato hati tat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, izda lliberatu mill-ewwel u l-hames imputazzjonijiet, u ikkundannatu ghall-multa ta’ hamsin liri Maltin (Lm50);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Mario Damato tas-17 ta’ Mejju 2004 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka in parte is-sentenza appellata billi tilliberah minn kull htija fir-rispett tat-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet filwaqt li tikkonferma s-sentenza ta’ nuqqas ta’ htija fil-konfront tieghu fir-rigward ta’ l-ewwel u l-hames imputazzjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dott. Ian Micallef ghall-appellant u ta' Dott. Michela Spiteri ghall-appellat Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Permezz tar-rikors ta' appell ghalhekk din il-Qorti giet mistiedna taghmel apprezzament gdid tal-fatti. In vista tal-fatt li x-xiehda li nstemghet quddiem l-ewwel Qorti ma kinitx traskritta, din il-Qorti semghet mill-gdid il-provi kollha mismugha quddiem l-ewwel Qorti.

Minn dawn il-provi jirrizulta li fil-11 ta' Jannar 2004 membri tal-Korp tal-Pulizija kienu f'St. George's Road u Ross Street, San Giljan. P.C. 670 Walter Sheldon xehed li x'hin kien f'St. George's Road innota Toyota ta' kulur ahdar tiela' minn St. George's Road b'muzika gholja u bil-passiggier u xufier minghajr *seat-belt*. Dawn daru ghal Ross Street izda billi Paceville kienet maghluqa ghat-traffiku, baqghu sejrin lejn ir-*roundabout* tal-lukanda Hilton, daru maghha u regghu kisru 'l barra lejn St. George's Road. It-*traffic lights* kienu homor dak il-hin, hu avvicinahom u kif il-*lights* kienu ghadhom fuq l-ahmar ix-xufier saq. Huwa qallhom jieqfu, zamm mal-bieba, rega' qal lix-xufier biex jieqaf izda baqa' jsuq. Dan ix-xhud identifika lil Daniel Damato, iben l-appellant, bhala l-passiggier. Minhabba l-hmieg li kien qieghed jghatti n-*number plate*, ix-xhud seta' jaqra biss l-ittri li kienu HAW. Il-hmieg kien ikkawzat mid-duhhan li johrog mill-*exhaust*. Din il-karrozza kellha wkoll il-hgieg *tinted*. Ix-xhud wara ghamel investigazzjoni dwar il-vetturi li jibdew bl-ittri HAW u wasal ghall-karozza HAW-403 bhala l-unika vettura tal-kulur u tat-tip li kien ra l-Hadd 11 ta' Jannar 2004, u liema karrozza hi licenzjata lill-appellant. Meta kellem lill-appellant, dan qal li l-Hadd ibnu Daniel Damato kien bil-karrozza. Ix-xhud indika marka li kien halla bil-pala ta' idejh fuq il-hgiega meta kien ipprova jwaqqaf il-karrozza.

Ix-xiehda ta' P.C. 670 hi bazikament korroborata mis-Supretendent Bartholomeo Mula li kkonferma wkoll li meta l-appellant u missieru marru l-ghassa u gew mistoqsijin

min kien qieghed isuq il-karrozza fil-11 ta' Jannar 2004, Daniel Damato cahad li kien hemm.

W.P.C. 221 Francesca Gruppetta u P.C. 1061 Justin Zammit kienu qeghdin f'Ross Street u nnutaw karrozza tat-tip Toyota bin-*number plate* bl-ittri HAW jarmi d-duhhan u bil-hgieg *tinted*.

Brian Farrugia, li jahdem mal-Licensing and Testing Directorate, xehed li l-karrozza Toyota Corolla ta' kulur ahdar numru HAW-403 hi licenzjata lil Mario Damato u li nhargilha permess biex jitwahhlilha *tinted glass* fis-6 ta' Settembru 2002.

Daniel Damato xehed li fil-11 ta' Jannar 2004 mar Paceville ma' zewgt ihbieb tieghu, Louisa u Ritienne, ghall-habta ta' xit-8.00 p.m. u pparkja l-karrozza fil-*parking* tal-lukanda Vivaldi. Hargu minn Paceville ghal xis-2.00 a.m. u m'ghaddhiex minn fejn qal P.C. 670. Il-karrozza ma silifha lil hadd ghax hu biss taht il-hamsa u ghoxrin sena li jista' jsuqha. Qal li meta l-pulizija baghtu ghalih l-ghassa u saqsewh min kien qieghed isuqha fil-hin ta' l-incident in kwistjoni, huwa wiegeb li hadd ma jsuqha. Sostna li l-marka li P.C. 670 qal li ghamilha fil-lejl tal-11 ta' Jannar fil-fatt ghamilha dakinhar meta kien l-ghassa. In kontro-ezami mbaghad qal li l-karrozza kien dahhalha fil-*parking* ghal xis-6.00 p.m. Qal ukoll li lanqas stereo ma kellha l-karrozza ghax kienu serquhulu fl-4 ta' Dicembru.

L-appellant Mario Damato xehed li t-Tnejn filghaxija (jigifieri fit-12 ta' Jannar 2004) kien cempillu minn fejn kien xtara l-karrozza u qallu li mar pulizija ghal xi informazzjoni fuq il-karrozza. L-appellant qallu li seta' jtieh in-numru tat-telefon tieghu ghax ma kellux problemi. Cempillu l-kuntistabbli Sheldon li tah numru differenti ta' karrozza mbaghad qallu li ghandu t-tifel qasir u l-appellant wiegbu li kellu zball. Il-kuntistabbli xorta talbu biex jinzlu l-ghassa u ftehmu li jinzlu t-Tlieta. Meta kienu fil-parapett ta' l-ghassa u gie P.C. Sheldon, regghu saqsewh in-numru tal-karrozza u rega' tahulhom hazin, izda meta qalulu li mhux huma, insista li kien gharaf lil iben l-appellant, Daniel Damato. L-appellant qal li dan il-kuntistabbli ta daqqa fuq

il-windscreen ta' wara dak il-hin biex jurieh fejn ta daqqa meta qallu biex jieqaf.

Mill-provi migbura m'hemm l-ebda dubju li t-tielet imputazzjoni, cioe` dik li l-appellant ghamel alterazzjoni fil-karrozza in kwistjoni minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport, ma tirrizultax. Difatti mix-xiehda ta' Brian Farrugia li jahdem mal-Licensing and Testing Directorate jirrizulta li l-permess inhareg sa mis-6 ta' Settembru 2002. Huwa esebixxa kopja ta' dan il-permess li giet immarkata Dok. BF. Mir-ritratti esibiti mill-Prosekuzzjoni quddiem l-ewwel Qorti u li jinsabu fl-atti ta' l-appell numru 109/04 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Daniel Damato", ma jirrizultax li l-hgieg in kwistjoni ma jottemperax ruhu mal-kondizzjonijiet kontenuti fl-imsemmi permess.

Kwantu ghaz-zewg imputazzjonijiet l-ohra, din il-Qorti hi soddisfatta li dawn gew soddisfacentement pruvati. B'riferenza ghar-ritratti esibiti, ir-ritratt li jindika l-parti ta' wara tal-karrozza in kwistjoni juri abbondantement il-hmieg kawzat mill-hrug ta' duhhan mill-pajpijiet tal-*exhaust*. Dan huwa sahansitra ammess mill-appellant li xehed li mar xi tliet darbiet biex jirranga s-sitwazzjoni. M'hemm l-ebda dubju wkoll li fil-11 ta' Jannar 2004 il-karrozza kienet qed tinsaq f'din il-kondizzjoni pessima minn iben l-appellant stess.

Din il-Qorti tixtieq finalment tosserva li l-pieni ghall-ksur tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur huma dawk stabbiliti ghal kontravvenzjonijiet fil-Kodici Kriminali - il-*multa* ghalhekk mhijiex wahda minn dawn il-pieni. Barra minn hekk fil-kaz ta' reat muri fl-ewwel kolonna tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Kap. 65, il-piena li ghandha tinghata m'ghandha f'ebda kaz tkun inqas mill-*ammenda* relattiva murija fit-tieni kolonna taghha[1]. Barra minn hekk din il-Qorti tosserva li meta r-reat ikun jikkonsisti f'kontravvenzjoni ta' xi regolament dwar ir-rimi ta' duhhan, naqal, trab, irmied jew sustanzi zejtnin minn xi *motor-car*, il-Qorti ghandha, fuq talba tal-prosekuzzjoni, b'zieda mal-

1 Artikolu 55(1) tal-Kap. 65.

piena, tissospendi ghal zmien ta' mhux inqas minn tmint ijiem il-licenza relattiva tal-*motor-car* li dwarha jkun sar ir-reat ukoll jekk dik il-*motor-car* ma kenitx, fil-hin tar-reat, qed tinsaq mid-detentur tal-licenza[2]. Peress li l-ewwel Qorti ma ssospendietx il-licenza fil-kaz in kwistjoni u ma hemm l-ebda appell f'dan ir-rigward mill-Avukat Generali, din il-Qorti ma hi sejra taghti l-ebda provvediment fir-rigward. Tosserva finalment li bir-raba' imputazzjoni l-appellant gie addebitat bi ksur tar-regolament numru 35 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur u mhux tar-regolament numru 34 kif gie erronejament indikat fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ddikjarat lill-appellant mhux hati ta' l-ewwel u tal-hames imputazzjonijiet u in kwantu sabitu hati tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet, tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tielet imputazzjoni u in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' *multa* ta' hamsin liri maltin (Lm50), u minflok tiddikjarah mhux hati tat-tielet imputazzjoni u minnha tilliberah u tikkundannah ghall-hlas ta' *ammenda* ta' ghoxrin liri (Lm20) dwar it-tieni imputazzjoni u *ammenda* ta' hames liri (Lm5) dwar ir-raba' imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Artikolu 55(4) tal-Kap. 65.